**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 9 ta` Jannar, 2018**

**Talba Nru: 172/2016PA**

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Madre Mary Rose Spiteri u l-istess Madre Mary Rose Spiteri**

**vs**

**Enemalta plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-9 ta` Mejju 2016 li permezz tiegħu l-atturi talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallashom is-somma ta` tmien mija, sebgħa u sittin Ewro, tnejn u sebgħin ċenteżmu (€867.72ċ) rappreżentanti danni sofferti mill-attriċi Madre Mary Rose Spiteri, assikurata mas-soċjeta` attriċi Elmo Inusrance Limited, u li għalihom għamlu tajjeb, in kwantu għas-somma ta` seba' mija, tnejn u erbgħin Ewro, tnejn u sebgħin ċenteżmu (€742.72ċ) is-soċjeta` attriċi, u in kwantu għall-bilanċ ta` mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€125) l-istess Madre Mary Rose Spiteri, bħala riżultat ta` inċident illi seħħ fi Triq San Gwann Bosco, Ta` Sliema, fit-12 ta Ġunju 2015, meta waqt li l-attriċi Madre Mary Rose Spiteri kellha l-vettura bin-numru ta` reġistrazzjoni CCA 628, lilha appartenenti, ipparkjata fl-imsemmija triq, waqgħet biċċa ħadida mill-arblu tad-dawl illi jinsab fl-istess triq għal fuq il-*windscreen* tal-imsemmija vettura, liema arblu jaqa' taħt ir-responsabbilita` tas-soċjeta` konvenuta, u li għalhekk

kienet unikament responsabbli għall-imsemmi inċident, u għall-konsegwenżjali danni, bħala riżultat ta` negligenża, traskuragni u imperiżja, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta` Marzu 2016 u bl-imgħax legali mill-imsemmija data sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament rapport ta` okkorrenza meħud minn PC 1592 Daniel Busuttil fit-13 ta` Ġunju 2015 fl-Għassa ta` Ta` Sliema, liema rapport sar minn Denise Darmanin[1].

Ra r-Risposta[2] tas-soċjeta` konvenuta li (i) hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-kwistjoni pendenti bejn il-partijiet hija dik relatata mal-kwantum tad-danni kif mitluba, kif jirriżulta mis-*settlement letters* illi diga' ntbagħtu mis-soċjeta` konvenuta; (ii) mingħajr preġudizzju, l-ammont ta` danni mitlub huwa eżaġerat u mhux totalment relatat mal-inċident *de quo* u għaldaqstant il-kwantum tad-danni qed jiġi kontestat.

Sema' x-xiehda tal-partijiet u xhieda oħra mressqa minnhom.

Ra d-dokumenti preżentati.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża għad-danni li s-sid, u l-kumpanija assikuratriċi, tal-vettura tat-tip Honda bin-numru ta` reġistrazzjoni CCA 628, għamlu flimkien kontra l-kumpanija Enemalta plc minħabba danni li jgħidu li garrbu bi ħtijiet tagħha meta, fit-12 ta` Ġunju 2015, waqt li din il-vettura kienet ipparkjata fi Triq San Gwann Bosco, Sliema, waqgħet fuqha biċċa minn arblu tad-dawl u għamlitilha ħsarat inġenti li ssewwew, kwantu għall-

---

[1]Dok. A, fol. 4 sa 7
[2] Fol. 10 sa 11

parti l-kbira bi spejjeż tal-kumpanija assikuratriċi, u l-bilanċ tħallas mill-attriċi l-oħra sid ta` din il-vettura.

Il-kontestazzjoni tas-soċjeta` konvenuta ma tirrigwardjax ir-responsabbilta` tagħha għall-ħsara fil-*windscreen* tal-vettura, li tirrapreżenta l-akbar ħsara li din garrbet fl-akkadut, imma r-responsabbilta` tagħha għall-ħsara li nstabet fis-saqaf tal-vettura u li s-soċjeta` konvenuta tikkontendi li ma ġratx bi ħtija tagħha, u għalhekk m'għandhiex tagħmel tajjeb għaliha hi.

L-atturi produċew b'xhud tagħhom lil **Johann Triganza**, *Motor Surveyo*r mas-soċjeta` attriċi Elmo Insurance.[3] Dwar din l-okkorrenza, Triganza xehed li kien ġie nkarigat mill-istess kumpanija assikuratriċi biex jispezzjona l-vettura, u li mar jaraha fil-bini ta` GasanZammit l-Imrieħel. Qal li kien inkarigat biex jara l-*windscreen* ta` din il-vettura. Huwa ppreżenta s-*Survey Rep*ort[4] tiegħu, li qal li jinkludi din il-ħsara u ħsara oħra li huwa nnota fuq is-saqaf tal-vettura. Huwa xehed, li fid-data ta` din l-ispezzjoni, il-ħadida li waqgħet mill-arblu kienet għadha mwaħħla fil-*windscreen*. Qal li huwa kien wasal għall-konklużjoni li din l-istess ħadida kienet il-kaġun tal-ħsara li l-vettura kellha fis-saqaf. Qal ukoll li l-partijiet l-oħra tal-ħadid hu ma rahomx fil-vettura, jew xort'oħra meta mar jispezzjonaha.

Triganza ddikjara li huwa kien irrakkomanda li l-*windscreen* jinbidel, u s-saqaf jissewwa.

Fuq talba tat-Tribunal biex jispjega kif wasal għall-konklużjoni tiegħu li l-ħsara fis-saqaf tal-vettura kienet dovuta għall-istess inċident, Triganza xehed li l-ħsara fis-saqaf ma ġratx bl-istess ħadida li ra ħu mwaħħla fil-*windscreen*, pero` kien ġie infurmat li kien hemm oġġetti oħra li nstabu ħdejn il-vettura, liema oġġetti huwa ma rax pero` tawh ritratti tagħhom mill-uffiċju tal-kumpanija assikuratriċi[5], u allura kkonkluda li dawn l-ogetti l-oħra kkaġunaw il-ħsara fis-saqaf. Huwa spjega wkoll li din il-ħsara kienet

[3] Ara xiehda, 17.1.2017, fol. 18 sa 19
[4] Dok. JT1, fol. 20 sa 21
[5] Dok. JT2, fol. 22 sa 26

tikkonsisti filli s-saqaf tal-vettura kważi ttaqqab, u l-oġġett li kkaġuna l-ħsara kważi ppenetrah, u għalhekk ikkonkluda li bilfors kien oġġett tal-ħadid.

Triganza kkonferma li l-ispiża inkorsa, u evidenzjata bir-riċevuti[6], tirrapreżenta l-ispiża tat-tiswijiet rakkomandati minnu.

Fir-rigward tal-kumment tiegħu fis-*Survey Report* li '*Client is insisting that roof damages are not related'*, ix-xhud qal li dan il-kumment ħallieh minkejja li eventwalment l-attriċi sid il-vettura '*wasal li qabel li seta` kien l-istess oġġett li għamel il-ħsara fuq is-saqaf*'[7].

L-atturi produċew b'xhud tagħhom lil **Sister Denise Darmanin**[8], soru fil-kongregazzjoni tal-Ursolini residenti fil-Creche, f'Ta` Sliema. Qalet li, fiż-żmien in kwistjoni, din il-vettura kienet tużaha hi. Kienet hi li pparkjat il-vettura l-lejl ta` qabel, u ma kellhiex ħsara. L-għada filgħodu, meta marret biex issuqha, sabet li kien hemm blokka ħadid imsaddad ġol-windscreen, u mal-blokka ħadid kien hemm biċċa musmar twil madwar 15-il ċentimetru mdaħħal f'nofs il-windscreen. Qalet ukoll li madwar il-vettura kien hemm tifrik żgħir tal-ħadid.

Ix-xhud qalet li hija marret tavża b'kollox lill-attriċi Madre Mary Rose Spiteri, u ma tatx każ x'kien hemm fuq is-saqaf tal-vettura. Qalet pero` li, fejn kien hemm ipparkjata l-vettura, kien hemm arblu tad-dawl li kellu l-parti ta` isfel imsadda. Il-patrijiet Salesjani tawha biċċa ħadida msadda li sabu fuq il-bankina, u hi marret biha tagħmel rapport fl-Għassa.

Sister Darmanin kompliet tixhed li hija aqsar mill-għoli tal-vettura u allura ma kellhiex mod kif tara xi ħsara kien hemm fuq is-saqaf, meta ġibdilha l-attenzjoni dwarha s-*surveyor*. Eventwalment, il-*windscreen* tal-vettura ssewwiet u ħi ħaditha lura. Meta pparkjatha, u telgħet fuq il-bankina, rat il-ħsara fis-saqaf, u billi l-vettura kienet ilha sena

[6] Dok. JT3, fol. 27
[7] Fol. 19
[8] Ara xiehda, 14.2.2017, fol. 29 sa 31

biss fit-triq, hija assumiet li din il-ħsara kienet saret mill-ħadida li l-patrijiet Salesjani sabu fuq il-bankina, u allura talbu li din tissewwa wkoll, billi l-vettura kienet assikurata *comprehensive*.

In kontro-eżami, Sister Darmanin iddikjarat li lis-*surveyor* kellha amment li kienet qaltlu li ma kinetx qed tara l-ħsara fis-saqaf, u li sa fejn taf hi l-vettura ma kellha ebda ħsara fis-saqaf qabel dan l-inċident għaliex kienet ilha barra sena biss.

Ix-xhud ippreżentat diversi ritratti tal-ħsarat li ħadu s-sorijiet dakinhar tal-inċident.[9]

Xehdet ukoll l-attriċi Madre Roberta sive Mary Rose Spiteri li qalet li hija l-Madre Generali tas-Sorijiet Ursolini. Hija kkonfermat li l-kunvent ħallas *excess* ta` €125 biex fetaħ *claim* mal-kumpanija assikuratriċi Elmo Insurance dwar dan l-inċident, u li huma ma ħarġux aktar spejjeż għat-tiswijiet.

Ġiet eżibita wkoll kopja tal-*Claim Form* li ffirmat l-attriċi fil-15 ta` Ġunju 2015, u li tgħid *'found piece of bollard on the w/sċreen & damaged same'*[10], filwaqt li l-ħsarat indikati jirreferu għall-*windscreen* tal-vettura biss.

L-atturi pproduċew ukoll b'xhud tagħhom lill-kuntistabbli **Daniel Busuttil** li ha r-rapport tax-xhud Darmanin l-għada tal-inċident.[11] Din kienet qaltlu li kellha l-vettura in kwistjoni pparkjata fi Triq San Gwann Bosco, Sliema, u waqgħet biċċa minn arblu antik tad-dawl fuq il-*windscreen*. Qal li hu ma marx jivverifika r-rapport fuq il-lok tal-inċident, pero` s-sorijiet ħadulu l-vettura ħdejn l-għassa u ra t-toqba fil-*windscreen*. Qal ukoll li għamel kuntatt ma' uffiċjal tal-Enemalta biex isiru t-tiswijiet fuq l-arblu. Darmanin produċietlu riċevuti tal-ħsarat fl-ammont komplessiv ta` €756.83ċ.

---

[9] Fol. 35 sa 46
[10] Fol. 47k
[11] Ara xiehda, 16.5.2017, fol. 52 sa 53

Is-soċjeta` konvenuta produċiet b'xhud tagħha lil **David Vella**,[12] li kien jieħu ħsieb il-Customer Care fl-uffiċji tas-soċjeta` konvenuta meta ġara l-inċident, u fiż-żmenijiet ta` wara sa riċentement. Qal li s-soċjeta` konvenuta kienet irċeviet talba biex tħallas mill-kumpanija assikuratriċi attriċi u, wara li ġiet segwita l-proċedura u saret il-verifika, aċċettat li tħallas l-ammont indikat fis-Survey Report, ta` €656.07ċ. Pero` l-kumpanija assikuratriċi staqsiet għaliex ma offrewx ħlas ogħla, u l-kumpanija konvenuta wieġbet li kienet imxiet fuq it-talba li rċeviet mingħand is-soċjeta` attriċi, kif dokumentata. Sussegwentement, Elmo Insurance bagħtu tlett riċevuti lill-Enemalta plc, waħda għat-tiswijiet fil-*windscreen*, oħra għat-tiswijiet fis-saqaf, u oħra għar-rapport tal-pulizija. Wara li reggħet investigat, u partikolarment wara li rat is-*Survey Report*, il-kumpanija konvenuta offriet ħlas li jkopri l-ispejjeż tat-tiswijiet fil-*windscreen*, u l-ispiża biex ingabar ir-rapport tal-pulizija, b'kollox €603.44ċ. Elmo Insurance pero` ma aċċettatx dan il-ħlas u ddeċidiet li tipproċedi bil-Qorti.

Fuq domanda tat-Tribunal, Vella qal li l-kumpanija konvenuta din is-somma qatt ma ddepożitatha l-Qorti, u li verbalment l-uffiċjali tal-kumpanija assikuratriċi kienu qalulu li s-*Survey Report* qatt ma kellu jasal għand is-soċjeta` konvenuta.

In kontro-eżami[13], Vella kkonferma għal kollox il-verżjoni tal-fatti li ta meta xehed. Huwa ċaħad li meta l-kumpanija konvenuta għamlet it-tieni offerta lis-soċjeta` attriċi, din ma taħiex spjegazzjoni għalxhiex kienet anqas mill-ewwel offerta, u nsista li r-riċevuta dwar il-ħsara fis-saqaf kienet waslet għandhom wara li għamlu l-ewwel offerta, u l-kumpanija konvenuta ma kellhiex prova suffiċjenti li din il-ħsara kienet taħti għaliha hi.

Ikkunsidrat ulterjorment li:

Għalkemm il-kumpanija konvenuta qatt ma ddepożitat is-somma ta` €603.44ċ fir-Reġistru tal-Qorti, m'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li din hija effettivament dovuta

[12] Ara xiehda, 29.11.2017, fol. 63 sa 64
[13] Ara xiehda, 6.12.2017

lis-soċjeta` attriċi Elmo Insurance Limited. Il-kwistjoni tirrigwardja t-talba għall-ħlas tal-bilanċ ta` mitejn u erbgħa u sittin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€264.78).

Wara li qies sewwa l-provi kollha mressqa quddiemu, partikolarment ix-xiehda *viva voce* tas-*surveyor* u l-kontenut tar-rapport redatt minnu, u x-xiehda ta` Sister Denise Darmanin li sabet il-ħsara, u għamlet ir-rapport dwarha fl-Għassa tal-Pulizija, it-Tribunal jidhirlu li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li, aktar iva milli le, il-ħsara li din il-vettura kellha fis-saqaf, u li ssewwiet bi spiża tas-soċjeta` attriċi Elmo Insurance Limited <u>aktar minn xahrejn</u> wara li ssewwiet il-ħsara fil-*windscreen*[14] kienet ir-riżultat dirett u immedjat tal-istat ħażin li fih tħalla l-arblu li kien hemm fil-lok fejn il-vettura mertu tal-kawża tħalliet ipparkjata, u li kien spazju intiż għal dan l-iskop.

Din il-konklużjoni t-Tribunal wasal għaliha wara li qies li: (i) is-*surveyor* inkarigat mis-soċjeta` attriċi ma tax spjegazzjoni ċara u kredibbli ta` x'wasslu biex irreġistra fir-rapport tiegħu li *'Client is **insisting**[15] that roof damage is not related'*[16], u wisq anqas tar-raġuni għalxhiex dan ir-rapport ma kienx rivedut wara li, skond hu, sid il-vettura jew min ħadha għall-ispezzjoni *'wasal li qabel'*[17] mal-konklużjoni tiegħu li l-ħsara fuq is-saqaf tal-vettura kienet dovuta għall-istess arblu; (ii) is-*surveyor* ma rax il-biċċiet l-oħra tal-ħadid li jingħad li kien hemm madwar il-karozza, u li allura setgħu kkaġunaw l-impatt fuq is-saqaf, u f'dan ir-rigward qagħad biss fuq x'qallu ħaddieħor; (iii) il-presunżjoni tas-*surveyor* li d-daqqa fis-saqaf saret minn ħadida hija ġustifikabbli, pero` li din il-ħadida allura bilfors kienet parti mill-arblu li waqgħet f'dan l-inċident hija gratuwita; (iv) it-Tribunal mhux konvint li d-diskors li Sister Denise Darmanin xehdet li qalet lis-*surveyor* waqt l-ispezzjoni tal-vettura kien filfatt id-diskors tagħha, u dan tenut kont tad-differenża kbira li hemm bejn id-dikjarazzjonijiet tagħha li ma setgħetx tara l-ħsara, u ratha wara minn fuq bankina, u li l-karozza ma setgħetx kellha ħsarat simili għax kienet ilha biss sena fit-triq, u dak li rreġistra b'mod mill-aktar ċar is-*surveyor* fir-rapport tiegħu. In-nuqqas tal-uffiċjal tal-pulizija li ġie nfurmat bl-okkorrenza li jattendi fuq il-lok

---

[14] Ara dati tal-fatturi, Dok. DV1 u DV3, fol. 66 u 68
[15] Enfasi tat-Tribunal
[16] Fol. 20
[17] Fol. 19

fejn seħħ l-inċident, u jivverifika l-fatti kollha, kabbar l-oneru fuq l-atturi biex jippruvaw in-ness kawżali bejn in-nuqqas tas-soċjeta` konvenuta, u l-ħsara li l-vettura kellha fis-saqaf tagħha.

Il-prinċipji ġenerali tar-responsabbilta` ċivili għad-delitt u l-kważi-delitt fil-liġi tagħna jinsabu spjegati b'mod mill-aktar ċar, u sallum istruttiv, fis-sentenża **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi nomine** (Appell Kummerċjali, 2.3.1962, XLVI.i.477). Meta analiżżat id-disposizzjonijiet fuq ċitati dwar ir-responsabbilta` ċivili għad-delitt, dik il-Qorti fissret li, biex tirrikorri din ir-responsabbilta`, l-attur irid jipprova *'tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabbilita` tal-istess fatt għal min ikun għamlu u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt, li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiment tad-dannu kaġunat mhux biss lill-vittma tal-att illeċitu, imma anki lil kull min indirettament jirriżenti d-dannu ... naturalment mhux bizzejjed li tiġi konstatata l-ħtija, imma hu meħtiġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert.'*

It-Tribunal jidhirlu li, f'dan il-każ, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li l-ħtija, ammessa mill-kumpanija konvenuta minħabba fl-istat li ħalliet fih l-arblu in kwistjoni, effettivament ikkaġunat id-dannu riskontrat fis-saqaf tal-vettura Honda Fit bin-numru ta` reġistrazzjoni CCA 628.

Kwantu għat-talba biex il-kumpanija konvenuta tħallas l-imgħaxijiet, irriżulta mill-provi li l-istess kumpanija konvenuta ma ddepożitatx is-somma li kienet qed tammetti li għandha tħallas lill-atturi, fir-Reġistru tal-Qorti kompetenti, pero` baqgħet izzomm dan il-ħlas għandha u għalhekk it-talba tal-atturi għall-ħlas tal-imgħax fuq dik il-parti mid-data tal-interpellanza uffiċjali hija legalment ġustifikata.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta fil-parametri ta` dak hawn deċiż, u jilqa' wkoll limitatament it-talba tal-atturi, u konsegwentement

jikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta` sitt mija u tlett Ewro, erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€603.44ċ), bl-imgħax mis-7 ta` Marzu 2016 sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

Minħabba fil-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**